

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

13.3.2007

B6-0118/2007

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjoni mill-Kummissjoni
imressqa skond l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura minn

- Panayiotis Demetriou, f'isem il-Grupp PPE-DE
- Mechtild Rothe, f'isem il-Grupp PSE
- Ignasi Guardans Cambó u Marios Matsakis, f'isem il-Grupp ALDE
- Seán Ó Neachtain, f'isem il-Grupp UEN
- Joost Lagendijk, Monica Frassoni u Cem Özdemir, f'isem il-Grupp Verts/ALE
- Sylvia-Yvonne Kaufmann, f'isem il-Grupp GUE/NGL
- Jens-Peter Bonde, f'isem il-Grupp IND/DEM,

dwar persuni neqsin f'Ċipru

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar persuni neqsin f'Ċipru

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet B4-0669, 0679 u 0688/95¹ tal-Parlament Ewropew dwar il-problema tal-persuni neqsin f'Ċipru,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet rilevanti tas-Segretarju Ġeneralu u ta' l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (N.U.) għal Ċipru, kif ukoll l-inizjattivi internazzjonali li ttieħdu fl-istħarriġ dwar x'seta' sar mill-persuni neqsin f'Ċipru,
 - wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ta' l-10 ta' Mejju 25781 (każ Nru 25781/94) dwar persuni neqsin,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-problema tal-persuni neqsin (Ċiprijotti Griegi, Ċiprijotti Torok, Griegi, Torok u oħrajn) hija esklussivament problema umanitarja li toħroġ mid-dritt tal-qraba tal-persuni neqsin li jsiru jafu x'sar minnhom,
- B. billi l-agunija u tbatija tal-familji tal-persuni neqsin, li baqgħu fl-għama dwar id-destin tagħhom għal deċennji, ma tistax tibqa' sejra u finalment trid tieqaf,
- C. C. billi l-Kumitat għall-Persuni Neqsin (C.M.P) f'Ċipru beda jaħdem mill-ġdid taħt il-patroċinju tas-Segretarju Ġenerali tan-N.U., u billi sar xi progress, għalkemm b'pass kajman, fl-eżumazzjoni u l-identifikar tal-fdalijiet,
- D. D. billi l-Parlament Ewropew jilqa' bil-ferħ il-koperazzjoni kostruttiva bejn il-membri Ċiprijotti-Griegi u Ċiprijotti-Torok tas-C.M.P.,
1. Jitlob lill-partijiet konċernati biex jikkoperaw b'mod sinċier u onest sabiex l-investigazzjonijiet adegwati dwar id-destin tal-persuni neqsin kollha f'Ċipru jitlestew bla dewmien, u biex jimplimentaw b'mod sħiħ is-sentenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ta' Mejju 2001.
 2. Jitlob lill-partijiet u lil dawk kollha li għandhom jew li huma f'qagħda li jkollhom xi informazzjoni jew evidenza li toħroġ minn tagħrif personali, arkivji, rapporti mill-kamp tal-battaljas (battlefield reports) jew rekords ta' postijiet ta' detenzjoni, sabiex jgħadduha lill-Kumitat għall-Persuni Neqsin (C.M.P) bla aktar dewmien.
 3. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jieħdu interess b'mod attiv dwar din il-problema, billi jipprovd u inter alia għajjnuna finanzjarja lis-C.M.P. u billi jieħdu l-passi kollha meħtieġa b'koperazzjoni mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti sabiex tīgi implimentata s-sentenza digħi msemija tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u

¹ ĠU C 109, 1.5.1995, p 166

tar-riżoluzzjonijiet rilevanti tan-N.U. u tal-Parlament Ewropew.

4. Jirreferi l-problema lill-kumitat xieraq tal-Parlament bil-ħsieb li, b'koperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, isegwi l-iżviluppi dwar il-problema, u jagħti istruzzjonijiet biex il-kumitat jirraporta perjodikament lill-Parlament; l-ewwel rapport għandu jitressaq fi żmien sitt xhur;
5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u lill-Gvernijiet ta' Ċipru, tat-Turkija, tal-Greċċa u tar-Renju Unit.